



Brussell, 6 ta' Mejju 2022
(OR. fr)

8446/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0126(BUD)**

**FIN 474
PE-L 20**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	8317/22 (COM(2022) 262 final)
Suġġett:	Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 għall-baġit ġenerali 2022: Finanzjament tal-ispejjeż t'akkoljenza tan-nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna – <i>Adozzjoni</i>

1. Fit-22 ta' April 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 3 għall-baġit ġenerali għall-2022 dwar il-finanzjament tal-ispejjeż t'akkoljenza tan-nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna¹.

L-għan ta' din il-proposta huwa li tikkontribwixxi għall-finanzjament fl-Istati Membri tal-ispejjeż tal-ewwel akkoljenza u reġistrazzjoni ta' persuni li qed jaħarbu mill-Ukrajna bħala konsegwenza tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.

2. Sabiex il-Kunsill ikun jista' jadotta pożizzjoni dwar l-ABE Nru 3/2022 mingħajr dewmien, il-Kunsill għandu jiddeċiedi, minħabba l-urġenza tal-kwistjoni, li jqassar, f'konformità mal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, il-perjodu ta' tmien ġimgħat stabbilit fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea.

¹ Dok. 8317/22.

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-ABE Nru 3/2022 fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' April 2022, u seta' jaċċettah mingħajr bidliet.
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill:
- jadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 3/2022 kif tinsab fil-punt 3,
 - jagħti struzzjonijiet lill-Presidenza biex tħejji d-dokumenti baġitarji li għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u tapprova l-abbozz ta' ittra fl-Anness għal dak il-għan; u
 - jippubblika d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, kif tinsab fid-dokument 8447/22, f*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 - fid-dawl tal-urġenza tal-kwistjoni, jiddeċiedi li jidderoga, abbażi tal-Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu, tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu.
-

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: President tal-Kunsill

lil: President tal-Parlament Ewropew

Sinjura President,

Qed nibgħatlek separatament il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 għas-sena finanzjarja 2022, adottata mill-Kunsill fis-16 ta' Mejju 2022.

(Formola tal-għeluq).
